MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 742/2003

Kawza fil-lista: 14

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarja specjali fl-isem u ghan-nom tas-socjeta' estera Ravex International B.V.**
**Vs**
**Agro Import Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici nomine ppremettiet u talbet hekk:

Peress li s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-attrici nomine s-somma bilancjali ta' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u disgha Euros punt sebgha (EUROs 23,709.07), ekwivalenti fi flus Maltin ghal disa' telef, tmin mija u tmenin liri Maltin (Lm9,880), liema somma hija dovuta bhala

prezz ta’ frott, hxejjex u prodotti ohra tar-raba mibjugha u konsenjati mill-attrici nomine lis-socjeta’ konvenuta u accettati minnha (vide r-rendikont hawn anness u markat bhala Dokument ‘A’);

U peress li minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata anke’ ufficjalment permezz ta’ ittra ufficjali datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ April, sena elfejn u tlieta (2003), debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta, sabiex thallas lill-attrici nomine s-somma dovuta, din xorta baqat inadempjenti (Dokument ‘B’);

Tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici nomine s-somma ekwivalenti fid-data tas-Sentenza fi flus maltin ghal tlieta u ghoxrin elf, seba’ mija u disgha Euros punt sebgha (EUROs 23,709.07).
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali (Dok. B) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha s-socjeta’ konvenuta eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-attrici nomine ghandha tipprova l-mandat taghha, u fin-nuqqas it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

2. Illi fil-konfront ta’ l-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici stante illi l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fi stat hazin.

3. Illi stante illi l-merkanzija in kwistjoni ingarret mis-socjeta’ Combinati Transport Services Ltd. ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Olandiza Worthy Transport

B.V. ghandha tigi kjamata fil-kawza l-istess socjeta' Combinati Transport Services Ltd.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skond il-ligi.

Rat l-affidavit tal-attrici nomine;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tesi attrici tinsab sodisfacentement provata mid-dikjarazzjoni guramentata unita mal-att tac-citazzjoni u l-annessi dokumenti.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni konvenuta, il-Qorti tosserva li l-mandat ta' l-attrici jinsab sodisfacentement provat kemm mill-affidavit tal-istess attrici [fol.50] kif ukoll minn korrispondenza skambjata.

Illi rigward il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, il-Qorti tosserva li dawn mhumiex sostnuti minn provi, u, in mankanza ta' provi ma jistghux jreggu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------